Nru./No. 21,329
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 17 ta' Ottubru, 2024
Thursday, 17th October, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 26,753 - 26,761
Government Notices ..... *26,753 - 26,761*

Avviżi tal-Qorti ..... 26,762 - 26,764
Court Notices ..... *26,762 - 26,764*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1384

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u aktar tard l-Onor. Ian Borg, LLB, Dip. Not. Pub., LLD, MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, jassumu d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Erbgħa, 16 ta' Ottubru, 2024 matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

Il-15 ta' Ottubru 2024
(OPM/19/2022)

Nru. 1385

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 116 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda Liġijiet Varji dwar is-Servizzi Veterinarji u t-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Is-17 ta' Ottubru 2024

Nru. 1386

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-17 ta' Ottubru, 2024
(File No. L/282/2024)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fis-Siġġiewi:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,119.36 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà Ekkleżjastika u min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1384

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government, and later the Hon. Ian Borg, LLB, Dip. Not. Pub., LLD, MP, Deputy Prime Minister and Minister for Foreign and European Affairs and Trade assume the additional duties of the Prime Minister, on Wednesday, 16th October, 2024, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

15th October, 2024

No. 1385

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 116 entitled the Various Laws related to Veterinary Services and Animal Welfare (Amendment) Act, 2024.

17th October 2024

No. 1386

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

17th October, 2024

Description of the Land

The following land at Siġġiewi:

A plot of land measuring about 3,119.36 square metres, bounded on the North by Ecclesiastical property and on the South and East by property of unknown owners or more precise boundaries.

L-art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni maċ-ċentru ta' salvataġġ taż-żwiemel.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0922, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' tliet mija u wieħed u ħamsin elf, mitejn u sitta u tmenin Ewro (€351,286), skont l-istima li saret mill-Perit Matthew Degiorgio, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-10 ta' Ottubru, 2024

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 26,755.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fi Triq tal-Providenza, fis-Siġġiewi, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq tal-Providenza, fis-Siġġiewi, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,119.36 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà Ekkleżjastika u min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0922, u stmata għall-valur ta' tliet mija u wieħed u ħamsin elf, mitejn u sitta u tmenin Ewro (€351,286).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fid-29 ta' Novembru, 2023. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Matthew Degiorgio

Id-9 ta' Ottubru, 2024

The abovementioned land is being acquired in connection with the horse rescue centre.

The plot of land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2024_0922, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is three hundred and fifty one thousand, two hundred and eighty six Euros (€351,286), according to the valuation made by Architect Matthew Degiorgio, an extract of which is being attached with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

10th October, 2024

This site plan is being published on page 26,755.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Triq tal-Providenza at Siġġiewi, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the freehold and unencumbered value of the property mentioned below in Triq tal-Providenza, at Siġġiewi, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 3,119.36 square metres, bounded on the North by Ecclesiastical property and on the South and East by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2024_0922, and valued for three hundred and fifty one thousand, two hundred and eighty six Euros (€351,286).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 29th November, 2023. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Matthew Degiorgio

9th October, 2024

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **365180 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 49048 y = 66692**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **4866**	Data: *Date:* **23/09/2024**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA:- 3119 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350410

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 1387

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-5 ta' Mejju, 1992, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'titolu ta' dominju pubbliku.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-17 ta' Ottubru, 2024
(File No. L/404/1984/I/1)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birkirkara:

Fond Nru. 43, fi Triq il-Laqxija.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija fuq il-pjanta tal-Works Department nru. 57H/1211, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni qiegħda tiġi maħruġa għall-fini tal-Artikolu 68 u 69 tal-Kap. 573 bil-mod imfisser fl-Artikolu 68 (3) tal-Kap. 573 ossia skont l-Artikolu 38 tal-istess Kap. 573 u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 52, 53, 54 u 55 tal-Kap. 573 japplikaw għall-istess.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' mija u sebat elef, disa' mija u tlettax-il Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€107,913.55), skont l-istima li saret mill-Perit Michael Anastasi, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 1387

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 5th May, 1992, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by title of public tenure.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

17th October, 2024

Description of the Land

The following land in Birkirkara:

Premises No. 43, in Triq il-Laqxija.

The above mentioned land is shown on Works Department plan no. 57H/1211, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 68 and 69 of Cap. 573 in the way explained in Article 68 (3) of Cap. 573 or according to Article 38 of the same Cap. 573 and the provisions of Articles 52, 53, 54 and 55 of Cap. 573 apply for the same.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is one hundred and seven thousand, nine hundred and thirteen Euros and fifty five cents (€107,913.55), according to the valuation made by Architect Michael Anastasi, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-18 ta' Settembru, 2024

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 26,758.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni tal-fond Nru. 43 fi Triq il-Laqxija, f'Birkirkara, meħtieġ għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq il-Laqxija, Birkirkara, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Fond Nru. 43, fi Triq il-Laqxija. Il-biċċa art fuq il-pjanta tal-Works Department nru. 57H/1211 u stmata għall-valur ta' mija u sebat elef, disa' mija u tlettax-il Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€107,913.55).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-18 ta' Jannar, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Michael Anastasi

Is-16 ta' Settembru, 2024

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

18th September, 2024

This site plan is being published on page 26,758.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of premises No. 43, at Triq il-Laqxija, in Birkirkara, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value of the property at Triq il-Laqxija, Birkirkara, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

Premises No. 43, in Triq il-Laqxija. The plot of land on Works Department plan no. 57H/1211 and valued for one hundred and seven thousand, nine hundred and thirteen Euros and fifty five cents (€107,913.55).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 18th January, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.


(Sgd) Architect Michael Anastasi

16th September, 2024

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only





Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: **359877 M** *Map Number:*	Pożizzjoni Ċentrali: **x = 51757** *Centre Coordinates:* **y = 73403**	Parti min S.S.: **5073** *Extracted from S.S:*	Data: **06/08/2024** *Date:*

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Area - 'A' - 8·25m² (circa) 'B' - 49m² (circa)

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350335

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 1388

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-17 ta' Ottubru, 2024

(File No. L/335/2022)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Luqa:

L-utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal mill-perjodu oriġinali li beda' jiddekorri mis-16 ta' April, 2004 u jiskadi fil-25 ta' Lulju, 2067 għar-rigward il-biċċa art tal-kejl ta' madwar 169 metru kwadru, li tmiss mill-Punent u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern u min-Nofsinhar ma' Malta Industrial Parks jew irjieħ verjuri u kif tinsab soġġetta għaċ-ċens annwu u temporanju rivedibbli ta' €43,716.38.

Il-biċċa art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma' formazzjoni u twessiegħ ta' triq.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2022_0515, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-utile dominju temporanju tal-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' mija sitta u disgħin elf, u sebgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€196,070.54), skont l-istima li saret mill-Perit Anthony Bezzina, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 1388

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

17th October, 2024

Description of the Land

The following land at Ħal Luqa:

The temporary utile dominium for the remaining time from the original period from when it began on the 16th April, 2004 and expires on the 25th July, 2067 regarding the plot of land measuring about 169 square metres, bounded on the West and on the North by Government property and on the South by Malta Industrial Parks or more precise boundaries and as it stands subject to an annual and temporary revisable ground rent of €43,716.38.

The abovementioned plot of land is being acquired in connection with the formation and widening of a road.

The plot of land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2022_0515, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the temporary utile dominium of the above mentioned plot of land is one hundred and ninety six thousand, and seventy Euros and fifty four cents (€196,070.54), according to the valuation made by Architect Anthony Bezzina, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-10 ta' Settembru, 2024

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 26,761.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' utile dominju temporanju ta' porzjon art f'Ħal Luqa, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur tal-utile dominju temporanju tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ħal Luqa, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

L-utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal mill-perjodu oriġinali ta' tlieta u sittin (63) sena li beda' jiddekorri mis-16 ta' April, 2004 u jiskadi fil-25 ta' Lulju, 2067 għar-rigward il-biċċa art f'Ħal Luqa tal-kejl ta' madwar 169 metru kwadru, li tmiss mill-Punent u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern u min-Nofsinhar ma' Malta Industrial Parks jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2022_0515, u stmata għall-valur ta' mija sitta u disgħin elf, u sebgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€196,070.54).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-12 ta' Lulju, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Anthony Bezzina

L-4 ta' Settembru, 2024

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

10th September, 2024

This site plan is being published on page 26,761.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a temporary utile dominium of a portion of land in Ħal Luqa, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the value of the temporary utile dominium of the property mentioned below in Ħal Luqa, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

The temporary utile dominium for the remaining time from the original period of sixty three (63) years from when it began on the 16th April, 2004 and expires on the 25th July, 2067 regarding the plot of land in Ħal Luqa measuring about 169 square metres, bounded on the West and on the North by Government property and on the South by Malta Industrial Parks or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2022_0515, and valued for one hundred and ninety six thousand, and seventy Euros and fifty four cents (€196,070.54).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 12th July, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Anthony Bezzina

4th September, 2024

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **328085 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 53722** **y = 68259**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5268**	Data: *Date:* **16/11/2023**

Perit:
Architect:

Timbru tal-Perit:
Architect's Stamp:

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri):
Area (square metres): CIRCA :- 169m²

Firma ta' l-Applikant:
Applicant's Signature:

LR 285138 Dritt imhallas *Fee Paid*

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2374

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja fl-għaxra (10) ta' Ottubru, 2024 (Digriet numru 91/2024BS, wara Rikors numru 86/2024BS) ġiet kkonfermata interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Annunziata Camilleri, xebba, bint il-mejtin Anthony Camilleri u Carmela née Saliba, imwielda iż-Żebbuġ, Għawdex, u residenti ż-Żebbuġ, Għawdex (karta tal-identità numru 29042G).

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the tenth (10th) of October of the year 2024 (Decree number 91/2024BS following Application number 86/2024(BS) Annunziata Camilleri, spinster, daughter of the late Anthony Camilleri and Carmela née Saliba, born in Żebbuġ, Gozo, and resides in Żebbuġ, Gozo, holder of identity card number 29042G has been confirmed interdicted from all acts of civil life.

Dott. Jonathan Mintoff, avukat, bin Anthony Mintoff u Domenica née Mifsud, imwieled Tal-Pietà, Malta, u residenti l-Għasri, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 9495M, ġie bl-istess digriet nominat kuratur tagħha.

Dr Jonathan Mintoff, lawyer, son of Anthony Mintoff and Domenica née Mifsud born in Tal-Pietà, Malta, and resides in Għasri, Gozo, holder of identity card number 9495M, has been nominated as her curator by virtue of the said decree.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Illum 14 ta' Ottubru, 2024

This 14th of October, 2024

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2375

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-9 ta' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 1016/2024, ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 9th October, 2024, and upon an application numbered 1036/2024, ordered:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni:

To the Director of the Public Registry for Gozo, to make the appropriate annotations or corrections:

a) Fl-Att tat-Twelid numru 170/1931 biex il-kliem 'Maria Antonia Spiteri at birth Vella', jiġu sostitwiti bil-kliem kunjom 'Maria Antonia Spiteri at birth Grima', u;

a) On the Act of Birth bearing number 170/1931, so that the words 'Maria Antonia Spiteri at birth Vella', is to be replaced with the words surname: 'Maria Antonia Spiteri at birth Grima', and;

b) Fl-Att tal-Mewt bin-numru 4/1953 il-kliem 'Mary Antonia Spiteri at birth Grima' jiġu sostiwiti bil-kliem 'Maria Antonia Spiteri at birth Grima'.

b) On the Death Act with bearing number 4/1953, so that the words 'Mary Antonia Spiteri at birth Grima' are to be replaced by the words 'Maria Antonia Spiteri at birth Grima'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Illum it-Tnejn 14 ta' Ottubru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Today 14th October, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2376

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-9 ta' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 1036/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ numru 71/1981 biex kunjom Rose Sciberras jiġi mibdul minn 'Xiberras' għal 'Sciberras' kif ukoll li, għall-fini ta uniformità u korrettezza, il-kunjom 'Xiberras' kull fejn jidher fuq l-imsemmi Att taż-Żwieġ jiġi mibdul għal 'Sciberras'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn 14 ta' Ottubru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 9th October, 2024, and upon an application numbered 1036/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry for Gozo, to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Marriage bearing number 71/1981 so that the surname of Rose Sciberras is to be changed from 'Xiberras' to 'Sciberras' and also, for the sake of uniformity and correctness, the surname 'Xiberras' wherever it appears on the Act of Marriage, is to be changed to 'Sciberras'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today 14th October, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2377

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-9 ta' Ottubru, 2024, u dan wara Rikors b'numru 1095/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Sharelyn Sibayan Calleja fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni biex it-tieni isem tagħha jiġi mibdul minn 'Valenzuela' għal 'Sibayan' kif ukoll jagħmel din il-korrezzjoni jew annotazzjoni fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru 192/2018.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn 14 ta' Ottubru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 9th October, 2024, and upon an application numbered 1095/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry, so when he comes to register the Act of Birth of Sharelyn Sibayan Calleja in the Public Registry of Malta, make the appropriate annotations or corrections so that her second name is to be changed from 'Valenzuela' for 'Sibayan' and also makes this correction or annotation on her Act of Marriage with the number 192/2018.

Court of Revision of Notarial Acts

Today 14th October, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2378

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 464/2024AB, li ġie ppreżentata fid-29 ta' April, 2024, fl-ismijiet: Fenech Mark vs Mizzi Kenneth et pro et noe ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna u tikkundanna lis-sekwestrant Mark Fenech iħallas penali kif maħsub fl-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-5 ta' Novembru, 2024, fl-10.30 a.m.

Notifika Intimat: Fenech Mark, 7, The Gables, Blk C, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 16th September, 2024, in the records of Sworn Application number 464/2024AB, which was filed on the 29th April, 2024, in the names: Fenech Mark vs Mizzi Kenneth et pro et noe, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order and condemn the creditor Mark Fenech to pay a penalty as provided in Article 836 (8) (b) and (d) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 5th November, 2024, at 10.30 a.m.

Notify Respondent: Fenech Mark, 7, The Gables, Blk C, Triq Piscopo Macedonia, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today 10th October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2379

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Lulju 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 773/2024MH, li ġie ppreżentat fl-10 ta' Lulju, 2024, fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Mieczyslaw Waszut Miroslaw, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi jiġu notifikati lilll-intimat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness bħala kopja uffiċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar is-6 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Mieczyslaw Waszut Miroslaw, The Parthenon, Flat 9, Triq Hughes Hallett, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 12th July 2024, in the records of Sworn Application number 773/2024MH, which was filed on the 10th July, 2024, in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs Mieczyslaw Waszut Miroslaw, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12 for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order that a copy of this application together with the documents hereby attached be notified to the respondent according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta and order the registration of the document hereby attached as an official copy thereof, so that such document constitutes an executive title.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 6th November, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Mieczyslaw Waszut Miroslaw, The Parthenon Flat 9, Triq Hughes Hallett, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 10th October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*